# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 8**

**Citazzjoni Numru 423/04 RGM**

**Francienne Fenech**

**v.**

**Alexander sive Sandro Fenech**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-ismijiet premessi li permezz taghha dik il-Qorti provdiet dwar l-azzjoni attrici, inter alia, billi: iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba adulterju kommess mill-konvenut, kif ukoll minhabba vjolenza u stabbiliet id-data tal-15 ta' Marzu 2004 bhala d-data ta' meta l-konvenut huwa meqjus hati tal-firda ai termini tal-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn

il-partijiet u illikwidat u assenjat l-assi kif stabbilit fis-sentenza appellata; afdat il-kura u l-kustodja taz-zewg minuri Carl Matthew u Luke Nikolai f'idejn l-attrici b'access favur il-konvenut; ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar ghal kull wild minuri, biz-zieda ta' kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax-il sena jew tlieta u ghoxrin sena f'kaz li jibqghu jistudjaw *full time*; applikat fil-konfront tal-konvenut l-effetti kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

<u>Mertu</u>

2. Il-fatti rilevanti ghall-finijiet tal-appell odjern huma s-segwenti.

3. Il-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru 1995, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Carl Matthew u Luke Nikolai, li t-tnejn ghadhom minuri.

4. Fit-22 ta' Frar 2004 wara litigju matrimonjali l-attrici flimkien maz-zewgt itfal minuri telqet mid-dar konjugali.

5. L-attrici tattribwixxi r-ragunijiet tal-firda personali ghal tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, fosthom l-adulterju u l-vjolenza fizika u psikologika, eccessi, sevizzi u ingurji gravi; rizultat ta' dan, iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Tghid, *inter alia*, illi l-konvenut kien juza

vjolenza psikologika u fizika fuqha, sahansitra anke meta kienet tqila, ukoll waqt ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, u anki f'okkazzjoni minnhom kien heddidha b'senter f'idejh billi qallha *'ha nara jekk hux se nuzah illum'*. Kien wara dan l-ahhar incident li wassal lill-attrici sabiex titlaq mid-dar matrimonjali. Tghid ukoll li meta kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf hija kienet skopriet illi l-konvenut kellu relazzjoni ma' tfajla ta' sittax-il sena, li kien dahhalha tahdem mieghu fil-hanut taghhom u li kien jehodha d-dar sabiex toqghod 'babysitter' mat-tfal taghhom; eventwalment il-konvenut kellu wild minn din il-mara.

6. Da parti tieghu il-konvenut jattribwixxi r-ragunijiet tal-firda u tat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg lill-attrici, fosthom l-adulterju u vjolenza psikologika, eccessi u sevizzi. Huwa jichad l-allegazzjonijiet tal-attrici li hu kien uza vjolenza fil-konfront taghha. Jghid illi ftit wara li zzewwgu, l-attrici qabdet stil ta' hajja li kellha fiz-zghozija, jigifieri ta' divertiment u xalar, kienet tohrog mal-hbieb tax-xoghol taghha u darba minnhom giet lura fis-sakra b'*lovebites* fuq ghonqha u f'partijiet ohra ta' gisimha li juru li kellha x'taqsam ma' xi hadd. Ikompli jallega li sussegwentement hija kellha diversi relazzjonijiet u avventuri ma' rgiel ohra.

<u>L-Appell</u>

7. L-appell tal-konvenut huwa bazat fuq is-segwenti aggravji:

8. [1] li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti: meta ikkonkludiet li l-htija tas-separazzjoni bejn il-partijiet kienet tirrisjedi unikament fuq il-konvenut bir-rizultat li applikat fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 fuq citat; meta naqset li tikkonsidra li kien hemm provi bizzejjed li juru li hu kien jagixxi bhala *bonus paterfamilias* u ghalhekk kien idoneju sabiex ikollu l-kura u kustodja tal-ulied minuri komuni taz-zewg partijiet; meta fil-komputazzjoni tal-manteniment dovut minnu lit-tfal naqset li tapprezza li kien hemm provi bizzejjed li juru li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu marru hazin kawza tas-separazzjoni u wkoll meta akkollatlu l-ispejjez kollha tal-kawza;

9. [2] li l-ewwel Qorti ma ghamlitx decizjoni tajba meta iddikjarat li d-dejn li l-konvenut ghandu mal-HSBC, mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mad-Dipartiment tal-VAT ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu wahdu, filwaqt li d-dejn dovut lill-omm l-attrici ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih iz-zewg partijiet ugwalment;

10. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn cahdet is-sitt talba u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba attrici, tirriformaha in kwantu laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames talba u minflok, tilqa’ l-eccezzjonijiet u l-aggravji tal-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi

kontra l-attrici appellata.

11. Min-naha taghha, l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet esposti minnha fir-risposta taghha, din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellanti.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

12. Dan l-aggravju hu fis-sens li l-konvenut ma kellux jigi meqjus responsabbli, jew unikament responsabbli, ghat-tifrik taz-zwieg stante li dan kien dovut ghal ragunijiet ohra attribwibbli lill-attrici, primarjament l-abbandun taghha mid-dar matrimonjali u l-atteggjament negattiv taghha fil-konfront tieghu matul il-konvivenza. Hu jkkontesta wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 48 [1][c]. Il-konvenut jissenjala li d-data tal-15 ta' Marzu 2004 stabbilita mill-ewwel Qorti li fiha ghandu jigi meqjus hati tal-firda ma ssibx sostenn fil-provi.

13. Min-naha taghha l-attrici tissottometti illi kien il-konvenut biss, kawza tal-karattru vjolenti tieghu, li ikkaguna t-tkissir taz-zwieg.

Tissenjala li l-allegazzjonijiet li jaghmel il-konvenut fil-konfront taghha ma jsibux sostenn adegwat fil-provi, filwaqt illi x-xhieda taghha dwar l-episodji vjolenti da parti tal-konvenut gew ikkonfermati minn ohtha Marica Grech. Barra minnhekk giet provata ir-relazzjoni adultera tieghu ma' tfajla ta' sittax-il sena li wara s-separazzjoni *de facto* kellu tarbija minnha.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

14. Dwar ir-responsabbilita` ghall-firda personali bejn il-partijiet, is-sentenza appellata taqra hekk:

> "**Vjolenza**.
>
> "Ghalkemm il-konvenut jichad li kien vjolenti mal-attrici, l-provi juru mod iehor. Jaghmel hafna emfasi l-konvenut illi ma kienx instab hati ta' vjolenza mill-Qorti ta' gurisdizzjoni penali. Hija pero' regola bazilari tad-dritt illi process civili huwa separat u distint mill-process penali, u l-konkluzzjoni f'wiehed ma hi ta' l-ebda vinkolu fuq il-konkluzzjoni fil-process l-iehor (ara Artikolu 6, Kodici Kriminali (Kap. 9).
>
> "Mill-kumpless tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien jagixxi b'mod vjolenti versu l-attrici. Ic-certifikat rilaxxjat mill-poliklinika fl-1 ta' Jannar 2005 u r-ritratti ezebiti li juri lill-attrici b'feriti f'wicca, abbinat mat-testimonjanza tal-attrici u ta' Marica Grech huma prova sodisfacenti li l-konvenut kien vjolenti mal-attrici.[1] Il-Qorti tirritjeni wkoll bhala affidabbli t-testimonjanza tal-attrici illi l-konvenut kien heddidha b'senter li wassal lill-attrici titlaq mid-dar matrimonjali flimkien maz-zewg uliedha.
>
> "Rilevanti wkoll jigi osservat illi ghalkemm il-konvenut jichad dak kollu li gie allegat mill-attrici fil-konfront tieghu, mill-atti ma jirrizultax li l-konvneut kien ha xi azzjoni talli uliedu flimkien mal-attrici kienu telqu mid-dar matrimonjali.

[1] Fol. 37 et. seq.

"**Adulterju**.

"Gie sodisfacentement ippruvat mill-attrici illi meta l-partijiet kienu ghadhom jirrisjedu flimkien maz-zewg uliedhom fid-dar matrimonjali, l-konvenut kien beda relazzjoni adultera ma' tfajla ta' sittax-il sena meta huwa gia' kellu tnejn u tletin sena. Il-konvenut kien impjega lil certu Chantelle Galea, li kellha sittax-ilsena, fil-hanut tieghu. Meta Chantelle Galea telghet tixehed hija stqarret li l-attur kien stedina sabiex johorgu flimkien jieklu biex jiccelebraw gheluq zmienha f'Jannar tas-sena 2004. Dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha qed tabita fid-dar matrimonjali peress li telqet mid-dar flimkien ma' uliedha u marret tirrisjedi ghand ohtha fix-xahar ta' wara. Mill-kumpless tal-provi mressqa il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut kien minn zmien qabel f'relazzjoni adultera ma' Chantelle Galea tant li xahar biss wara li l-attrici u z-zewg ulied minuri telqu mid-dar matrimonjali, Chantelle Galea dahlet tikkoabita' mal-attur proprju fid-dar matrimonjali. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu[2] il-konvenut jaghmel hafna emfasi illi mhux minnu li l-imsemmija Chantelle Galea kienet minorenni meta beda johrog maghha. Ghalkemm ma jichadx illi huwa jikkoabita ma' Chantelle Galea isostni li ma ngibitx prova li l-wild ta' Chantelle Galea huwa tieghu peress li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jghid illi l-missier ma hux maghruf.

"Il-provi imressqa pero' juru mod iehor. Chantelle Galea iddikjarat bil-gurament taghha illi ilha f'relazzjoni mal-konvenut sa mis-sena 2005 filwaqt li t-tifel taghha twieled f'Lulju 2006. Tammetti wkoll li t-tifel isejjah lill-konvenut papa'. Ghalkemm tahdem fil-hanut tal-konvenut tghid li salarju ma tirceviex ghaliex tithallas billi l-konvenut jiprovdilha l-ikel. Qalet pero' li tircevi l-beneficcji socjali bhala 'singel mother'.

"Fil-fehma tal-Qorti l-ammissjoni ta' Chantelle Galea li r-relazzjoni intima taghha mal-konvenut bdiet fis-sena antecedenti t-twelid tat-tifel taghha liema relazzjoni ma gietx interrotta sallum huwa prova li l-konvenut dahal f'relazzjoni adultera ma' Chantelle Galea liema agir farrak kwalunkwe possibilta' li z-zwieg tal-partijiet jigi salvat. Ghalhekk m'ghandiex mill-verita' l-asserzjoni tal-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li "l-attrici ma ressqet ebda prova dwar l-adulterju [tal-konvenut], izda biss allegazzjoni, liema allegazzjoni ma giet bl-ebda mod korroborata minimament minn xhieda ohra".[3] Chantelle Galea, prodotta bhala xhud mill-attrici, hija l-aqwa prova dwar l-adulterju tal-konvenut. Il-Qorti pero' ma taqbilx li r-relazzjoni adultera tal-konvenut bdiet fis-sena 2005 izda hija tal-fehma li din bdiet fis-sena 2004, appena l-attrici harget mid-dar matrimonjali. F'dan is-sens qed temmen il-verzjoni li tat l-attrici fir-rigward.

"Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment fis-sena 2004 meta l-konvenut beda relazzjoni

---

[2] Fol. 1188.
[3] Fol. 1198.

adultera ma' Chantelle Galea.

"Il-konvenut isostni li ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti l-attrici minhabba adulterju. Gie ppruvat mill-konvenut illi l-attrici dahlet f'relazzjoni adultera ma' certu Richard Falzon. Mill-atti jirrizulta, b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess Richard Falzon, illi l-attrici ilha f'relazzjoni adultera ma' Falzon sa mi-sena 2008. Ghalkemm il-konvenut jaghmel diversi allegazzjonijiet li l-attrici kellha relazzjonijiet adulteri ma' diversi persuni ohra, l-ebda prova ma ngabet fir-rigward.

"Hija ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi r-relazzjoni adultera tal-attrici li inbdiet fis-sena 2008 ma kenitx il-kagun ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, peress li kif spjegat *supra* iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment fis-sena 2004 tort uniku tal-konvenut.

"Ai termini tal-Artikolu 48 (1) ( c ) tal-Kap. 16 il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tal-15 ta' Marzu 2004 bhala d-data ta' meta l-konvenut huwa meqjus hati tal-firda tal-partijiet minhabba adulterju u vjolenza.

"Irid hawn jinghad ukoll li mill-provi mressqa jidher *prima facie* illi l-konvenut u s-siehba tieghu qed jifrodaw lill-istat meta t-tarbija giet registrata bhala b'missier mhux maghruf sabiex l-omm tkun tista' tapplika ghall-ghajnuna socjali bhala 'single mother'. Il-Qorti ghalhekk hi fid-dover li tirrapporta dan il-kaz lill-awtoritajiet kompetenti ghall-investigazzjoni opportuna, kif ser taghmel aktar 'il quddiem."

15. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li f'materja tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx kaz ta' zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Jigi osservat ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, *multo magis* bhal fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet hi stess uhud mix-xhieda, fosthom l-attrici[4], jixhdu *viva voce* u ghalhekk kellha l-beneficju tal-iskrutinju dirett ta' dawn ix-xhieda.

[4] Vol. 5 – Fol. 1167 – Kontro-ezami.

16. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa ibbazat fuq zewg binarji. Huwa jibda billi jikkontesta l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti rigwardanti r-relazzjoni extra-maritali tieghu ma' Chantelle Galea, filwaqt li jkompli billi jissottolinea r-ragunijiet imputabbli lill-attrici li skont hu wasslu ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, b'mod partikolari l-abbandun tal-attrici tal-fond matrimonjali u r-relazzjonijiet adulteri taghha.

17. Dwar ir-relazzjoni adulteruza tieghu ma' Chantelle Galea, il-konvenut jippreciza li d-data tal-15 ta' Marzu 2004 imsemmija mill-ewwel Qorti bhala dik li fiha huwa gie meqjus hati tal-firda tal-partijiet, ma tirrizultax mill-provi, kif ukoll ma jirrizultax mill-provi li r-relazzjoni adulteruza tieghu ma' Chantelle Galea bdiet fis-sena 2004. Din il-Qorti tosserva li f'dan ir-rigward il-konvenut ghandu ragun stante li, ghalkemm fis-sentenza appellata hemm imnizzel li fix-xiehda taghha l-imsemmija Chantelle Galea tghid li l-konvenut kien stedinha tiekol mieghu biex jiccelebraw l-eghluq tal-gurnata tat-twelid taghha "f'Jannar tas-sena 2004" fil-fatt mix-xhieda tal-istess Chantelle Galea jirrizulta li s-sena kienet 2005[5] u mhux 2004. Ghaldaqstant, peress li jirrizulta li l-attrici kienet telqet mid-dar fit-22 ta' Frar 2004, ma jistax validament jinghad li l-provi juru li r-relazzjoni adulteruza tal-konvenut kienet bdiet matul il-konvivenza matrimonjali.

---

[5] Vol. 2 – Fol. 377.

18. Ghalkemm l-attrici fl-affidavit taghha tallega illi hija kienet taf illi kellhom relazzjoni sa mis-sena 2003 u zammet siekta, ma gabet ebda prova dwar dan. Ghalkemm oht l-attrici, fl-affidavit taghha redatt f'Gunju 2005[6] tghid li rat lill-konvenut diehel fl-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema u fil-karozza kien hemm tfajla ta' xi 17-il sena mieghu, kif ukoll illi t-tifel tal-partijiet Carl Matthew kien qalilha li kien mar jghum ma' missieru u ma' din Chantelle Galea, dawn l-elementi ta' prova ma jwasslux sal-grad rikjest mil-ligi l-prova li r-relazzjoni extra-maritali tal-konvenut kienet diga` bdiet matul meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien.

19. Ghalhekk, tenut kont li fix-xhieda taghha Chantelle Galea tghid li d-data tat-twelid taghha kienet l-14 ta' Ottubru 1987 u tenut kont li hi stqarret li l-konvenut kien stedinha tohrog u harget mieghu fl-okkazzjoni li hija ghalqet it-tmintax-il sena, allura d-data li fiha bdiet ir-relazzjoni extra-matrimonjali ghandha tkun l-14 ta' Ottubru 2005 jew ftit wara.

20. Izda din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-kawza determinanti li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg ma kenitx ir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenut, imma kien il-komportament abbuziv da parti tieghu kagun tal-karattru vjolenti tieghu, li tul il-konvivenza matrimonjali kien jimmanifesta ruhu fi vjolenza psikologika u anke fizika u theddid fil-

---

[6] Fol. 40 et seq.

konfront tal-attrici li wassal li din tkun kostretta titlaq mid-dar konjugali. Fix-xhieda taghha l-attrici tirrakkonta li kien fi-22 ta' Frar 2004 li fiha l-konvenut heddidha b'senter li hija iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali. Fl-affidavit taghha tirrakkonta[7] li d-decizjoni haditha wara li sussegwenti ghal argument kbir li nqala' bejniethom fl-imsemmija data, il-konvenut nizzel wiehed mis-snieter li kellu mdendlin mal-hajt tas-salott u qal *"ha nara jekk hux ser nuzah illum".* Hi tghid li wara li semghet dan il-kliem qabdet lit-tfal, marret taghmel rapport l-ghassa u ma regghetx marret lura fid-dar matrimonjali, hlief ftit tal-granet wara sabiex tiehu hwejjigha u dawk tat-tfal.

21. Ix-xiehda ta' oht l-attrici taghti konfort lit-tezi taghha fil-parti fejn stqarret li kien hemm okkazzjoni fejn kienet rat lill-attrici bi tbengila f'wicca, kif ukoll fejn irrakkontat l-incident li kien sehh lejliet l-ewwel tas-sena 2005 meta hi flimkien ma' zewgha u l-attrici kienu qeghdin go bar dahal il-konvenut u xejjer daqqa ta' ponn f'wicc l-attrici tant li din sofriet tbengila f'wiccha li tidher ukoll mir-ritratti ezebiti. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm dan il-kaz kien sehh wara li l-attrici kienet fil-fatt gia` telqet mid-dar konjugali, juri d-dispozizzjoni tal-konvenut ghall-vjolenza u jsostni l-allegazzjoni tal-attrici dwar il-karattru vjolenti ta' zewgha u l-komportament vjolenti tieghu matul il-konvivenza matrimonjali.

[7] Fol. 25 et seq.

22. Din il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta b'mod lampanti li dan ma kienx l-uniku episodju ta' vjolenza psikologika u fizika ezercitata mill-konvenut fuq l-attrici.

23. Fl-affidavit taghha, l-attrici ssemmi, inter alia, [1] illi wara xi argument li kien ikollhom kien idum anke gimgha shiha ma jkellimhiex [fol. 25, para. 3]; [2] illi kemm qabel iz-zwieg u kemm wara z-zwieg, wara li kien ikollhom xi argument jahraq, il-konvenut kien ikollu x'jaqsam maghha kontra l-volonta` u r-rieda taghha [fol. 25, para. 4]; [3] illi kien isabbtilha rasha mal-hajt jew jaghtiha daqqa ta' ponn b'mod li ma jidhru ebda feriti fuqha [fol. 26, para. 7]; [4] kien jghajjarha quddiem shabu, qatt ma hallieha titkellem, kienet issibu kull fejn tkun u gieli anke ghamel ghal shabha [fol. 26, para. 7]; [5] fis-sena 1999 kien refa' jdejh fuqha u hallielha marka fuq wiccha [fol. 26, para. 8]; [6] waqt it-tqala kien hemm diversi drabi li kien vjolenti fil-konfront taghha [fol. 26, para. 9]; [7] kien jiksirha quddiem il-klijenti u l-impjegati tal-hanut taghhom [fol. 27, para. 13].

24. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li fl-atti hemm provi bizzejjed li jsostnu t-tezi tal-attrici dwar il-karattru vjolenti tal-konvenut u fuq dawk il-provi l-ewwel Qorti setghet ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, jigifieri li dan ma hux kaz ta' abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili da parti tal-attrici mid-dar konjugali,

izda huwa kaz fejn l-attrici ghal raguni valida fil-ligi kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali.

25. In tema legali jigi osservat li ta' spiss gie ritenut minn dawn il-qrati li l-vjolenza hi fost l-aktar elementi li inevitabbilment iwassalu ghal firda personali, anke ghaliex huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha. [Appell **Genoveffa Magri v. Joseph Magri** – 6 ta' Ottubru 2000]. Il-fatt li bniedem mizzewweg juza fuq il-mara swat jew *vie di fatto* li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew stat socjali l-ghaliex jikkostitwixxu brutalita` ghal ebda motiv ragjonevoli u bla provokazzjoni certament jikkostitwixxu eccessi [Prim'Awla **Maria Mifsud v. Vincenzo Mifsud**, deciza, 30 Gunju 1961]. Ukoll, filwaqt li kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilta` fuq min ikun jigi provat li kien hati li ikkommettih, il-grad ta' vjolenza jista' jkun fattur determinanti biex ir-responsabbilta` tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir. [Appell Superjuri **Doris Mizzi v. Mario Mizzi** 19/05/2000].

26. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mal-ewwel Qorti li r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenut ftit ta' zmien wara li hi

kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali certament issigillat it-tkisser irremedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet, il-kawza principali tas-separazzjoni hija l-komportament vjolenti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, li ezercitat ripetutament u fuq bazi abittwali, irrenda insapportabbli l-konvivenza da parti tal-attrici, b'hekk jikkostitwixxi sevizzi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili.

27. Rigward l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut fl-affidavit[8] tieghu fil-konfront tal-attrici ta' relazzjonijiet extra-maritali u ta' atteggjament negattiv u abbuziv taghha fil-konfront tieghu <u>tul il-konvivenza</u>, din il-Qorti tosserva li l-konvenut naqas milli jissustanza l-istess bi provi sodisfacenti. Joseph Martin Falzon[9], kugin tal-konvenut, jghid li l-konvenut kien qallu li kien jissuspetta li martu kellha relazzjoni ma' persuna ohra, izda ma ngabet ebda prova li dawn is-suspetti kienu fondati. Din il-Qorti tosserva illi, ghalkemm il-konvenut isemmi bosta ismijiet u jaghmel bosta allegazzjonijiet dwar irgiel li allegatament martu kellha relazzjoni maghhom, l-unika wahda illi giet ippruvata hija dik ma' Richard Falzon, li skont l-attrici in kontro-ezami[10] u skont l-istess Richard Falzon[11] bdiet fis-sena 2008 u allura wara li l-partijiet kienu ilhom erba' snin separati *de facto*. Ir-relazzjoni adulteruza allegata mill-konvenut li martu kellha fiz-zmien tal-konvivenza matrimojali ma'

---

[8] Fol. 1053 et seq.
[9] Fol. 1073 et seq.
[10] Fol. 1175.
[11] Fol. 1099.

Vincent Caruana[12] giet michuda mill-attrici kif ukoll b'mod kategoriku mill-istess Vincent Caruana li fix-xhieda tieghu jichad li qatt iltaqa' mal-attrici wahedha.

28. Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg tirrisjedi unikament fuq il-konvenut wahdu, primarjament minhabba sevizzi da parti tieghu li ghamlu l-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghall-attrici u, sekondarjament, ir-relazzjoni adulteruza tieghu ftit xhur wara li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali fit-22 ta' Frar 2004. Huma dawn iz-zewg fatturi li wasslu ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet. Min-naha l-ohra, ir-relazzjoni adulteruza li l-attrici bdiet titrattjeni minn erba' snin wara s-separazzjoni de facto ma tistax titqies bhala kawza jew fattur kontributorju ghas-separazzjoni izda huwa konsegwenzjali ghaliha.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

30. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

[12] Fol. 1095 et seq.

“**Komunjoni tal-Akkwisti**.

“**Dar Matrimonjali**.

“Id-dar matrimonjali tal-partijiet kienet f’idejn il-partijiet b’titolu ta’ kera. L-attrici ssottomettiet li m’ghandha l-ebda interess li terga tidhol f’dan il-fond. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li t-titolu ta’ kera fuq dan il-fond ghandu jdur esklussivament fuq il-konvenut.

“**Hanut u Erba’ (4) Garaxxijiet sottostanti bin-numri 1, 5, 6 u 7. gewwa Triq is-Sur, Fgura.**

“Il-hanut “The Aquarium Pet and Hobby Centre’ li jinstab 143, Triq is-Sur, Fgura, u l-garaxxijiet sottostanti, huma proprjeta’ taz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom.

“Il-konvenut qed isostni li l-proprjeta’ immobiljari li taghhom il-partijiet huma sidien ghandha tigi assenjata lilu flimkien mad-dejn gravanti fuqhom tenut kont li s’issa dejjem hu hallas il-pagamenti rateali lill-bank.

“Il-pretensjoni tal-konvenut pero’ m’ghandiex fondament legali. Tenut kont li l-proprjeta hija komuni jehtieg li tigi diviza bejn il-partijiet u peress li hadd mill-partijiet ma qed isostni li hija komodament divizibbli, l-unika soluzzjoni ghal-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ din il-proprjeta’ komuni hi li tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li jithallas id-dejn li jiggrava l-istess proprjeta’.

“**Dejn u Kontijiet Bankarji.**

“Jehtieg jigi deciz liema mid-dejn vigenti ghandha taghmel tajjeb ghalih il-komunjoni u liema dejn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih xi hadd mill-partijiet individwalment. Inoltre hemm diversi kontijiet bankarji intestati f’isem il-partijiet.

“Fl-udjenza tal-10 ta’ April 2014 xehedu diversi rapprezentanti tal-banek. Minn din ix-xhieda rrizulta s-segwenti:-

“APS Bank Limited

“Kont Kurrent (Current Account) bin-Numru 240000205059 f’isem Francienne Fenech bil-bilanc fis-sena 2014 ikun ta' €185.82
Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 2400002000158734 f’isem Francienne Fenech bil-bilanc fis-sena 2014 ikun ta' €30.14

“Bank of Valletta plc

“Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 40020871525 f’isem Francienne Fenech ghan-nom tal-minuri Carl u Matthew, bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' seba' mija u sittax - il ewro u disgha u erbghin ceritezrnu €718.03;

“Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 40019460604 f’isem Alexander Fenech bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €72.61;

“Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 40019460617 f’isem Alexander Fenech bil-bilanc fis-sena 2012 ikun ta' €3.52;

“Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 16713243025 f’isem Alexander Fenech u Kevin D'Agostino u bil-bilanc fis-sena 2008 ikun ta' €2.89;

“Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 40014189074 f’isem Alexander Fenech u Kevin D'Agostino u bil-bilanc fis-sena 2005 ikun ta' €l.98.

“HSBC Bank Malta plc

“Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 075001594001 f’isem Alexander Fenech u bi zbilanc (u cioe' dejn) fis-sena 2013 ikun ta' €27,510.66

“Kont ta' Self (Loan Account) bin-Numru 0750015943401 f’isem Alexander Fenech u bi zbilanc (u cioe' dejn) fis-sena 2012 ikun ta' €20,523.40

“Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 075001594401 f’isem Alexander Fenech u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €11.46

“Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 087002945001 f’isem Alexander Fenech u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €66.86

“Kont ta' Visa (Visa classic Account) bin-Numru 4568820166303690 f’isem Alexander Fenech u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €50

“Kont ta' Visa (Visa classic Account) bin-Numru 4035710000546171 f’isem Alexander Fenech u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €50

“Il-konvenut qed jitlob illi f’kaz li l-Qorti tordna d-divizzjoni tal-proprjeta’

immobiljari allura l-attrici ghandha tigi kkundannata thallsu nofs l-ammonti li hallas lill-bank filwaqt li d-dejn li ghad hemm pendenti mal-bank ghandu jinqasam fuq iz-zewg partijiet.

“Jirrizulta illi l-ebda facilita’ bankarja rapprezentanti self ma hi intestata f’isem iz-zewg partijiet flimkien. Skond ma xehdet ir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, ‘current account’ intestat f’isem il-konvenut wahdu ghandu zbilanc ta’ circa €27,500 filwaqt li ‘loan account’ intestat ukoll f’isem il-konvenut wahdu ghandu zbilanc ta’ circa €20,500. Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat l-origini ta’ dan id-dejn.

“Mix-xhieda ta’ Audrey Ghigo[13] in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc jirrizulta illi il-loan account numru 075001594340 infetah fl-1 ta’ Gunju 2010 meta l-partijiet kienu ilhom sitt snin separati *de facto*. Jirrizulta wkoll illi loan account iehor f’isem il-konvenut wahdu bin-numru 075001594300 kien infetah fil-5 ta’ April 2002 u nghalaq fl-24 ta’ Awissu 2004. Jirrizzulta wkoll illi kien hemm loan account f’isem iz-zewg partijiet li kien igib in-numru 075101428301 liema loan account kien infetah fil-11 ta’ Awissu 2002 u nghalaq fis-26 ta’ Mejju 2009.[14]

“Il-loan account f’isem kongunt taz-zewg partijiet origina bhala finanzjament ghax-xiri tal-proprjeta’ immobiljari tal-partijiet. Tenut kont li dan id-dejn gie saldat fis-26 ta’ Mejju 2009, prattikament fl-istess zmien li gie ppruvat li l-konvenuta bdiet relazzjoni adultera, isegwi illi l-hlasijiet li saru qabel mill-konvenut ma humiex kolpiti b’dak li gie deciz supra dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16. Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi u tiddeciedi illi l-hlasijiet li l-konvenut ghamel bhala ripagamenti tad-dejn maghmul miz-zewg partijiet flimkien (loan account no. 075101428301) saru minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk it-talba tal-konvenut sabiex l-attrici thallsu nofs l-ammonti li huwa hallas lill-bank qed tigi michuda. Dwar iz-zewg facilitajiet bankarji li l-konvenut f’ismu wahdu ghandu mal-HSBC Bank Malta plc jirrizulta illi dawn huma wiehed ‘current account’ u l-iehor ‘loan account’ it-tnejn f’isem il-konvenut wahdu. Il-loan account statements[15] juru illi fil-15 ta’ Gunju 2010 il-konvenut gibed is-somma intiera ta’ tletin elf ewro (€30,000) (loan account numru 075 001594 340) u mix-xahar ta’ wara beda jhallas lill-bank pagamenti mensili rapprezentanti rifuzzjoni tas-self minnu maghmul. Fit-testimonjanza tieghu il-konvenut ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar ir-raguni tas-self f’daqqas tas-somma ta’ €30,000. Ghalhekk dan id-dejn ma jistax jitqies bhala dejn tal-komunjoni u ghandu jaghmel tajjeb ghalik il-konvenut wahdu.

[13] Fol. 372.
[14] Fol. 374.
[15] Fol. 705.

> "L-istess jinghad dwar id-dejn mal-HSBC Bank Malta plc li l-konvenut ghandu f'isem wahdu fir-rigward ta' kont kurrent (fil-passiv) li jgib in-numru 075001594001. Ezami tal-istatements ipprezentanti mir-rapprezentant tal-bank juru illi l-konvenut juza dan il-kont sabiex jeffettwa diversi pagamenti permezz ta' cheques filwaqt li regolarment jiddepozita flus sew kontijiet kif ukol permezz ta' cheques presumibilment konnessi man-negozju li jiggestixxi. Ghalhekk dan id-dejn ma jistax jitqies bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.
>
> "Il-Qorti qed tiddeciedi ghalhekk illi ghad-dejn fuq iz-zewg facilitajiet bankarji fuq imsemmija ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.
>
> "Il-konvenut qed isostni illi d-dejn li huwa ghandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u mad-Dipartiment tal-VAT ghandu jigi kkonsidrat bhala dejn tal-komunjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut m'ghandux ragun. Gie ampjament ippruvat illi l-attrici m'ghandha l-ebda sehem jew kontroll fuq in-negozju li l-konvenut jiggestixxi. Il-kontroll assolut fit-tmexxija ta' negozju gestit minn gewwa proprjeta' li nofs indiviz taghha jappartjeni lill-attrici, huwa f'idejn il-konvenut esklussivament. Kemm ilhom il-partijiet separati *de facto* l-attrici ma bbenefikatx mill-profitti li saru minn dan in-negozju tal-komunjoni, profitti li fiz-zmien li l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf kien miexi tajjeb hafna bi profitt net annwali ta' mhux anqas minn €24,000.00. It-talba tal-konvenut li l-attrici tigi kkundannata taghmel tajjeb bis-sehem taghha mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghal dan id-dejn qed tigi respinta ghaliex priva minn fondament legali
>
> "Dwar id-dejn dovut lill-omm l-attrici fis-somma ta' €1,211.27 jirrizulta li dan sar a beneficcju taz-zewg partijiet u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara illi iz-zewg partijiet huma responsabbli ghall-hlas tal-bilanc dovut, nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut."

31. Dan it-tieni aggravju huwa bazat fuq zewg ilmenti. L-ewwel wiehed jirrigwardja l-garage numru sitta [6] appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, li ghalkemm issemma fis-sentenza bhala proprjeta` tal-komunjoni, ma ssemmhiex fil-parti operattiva tas-sentenza. Din il-Qorti tosserva li dan l-ilment huwa fondat u jidher li rizultat ta' *lapsus calami* l-ewwel Qorti naqset milli tinkludih fl-assenjazzjoni tal-assi. Ghaldaqstant dan il-garage ghandu jinbigh mal-proprjeta` l-ohra u r-rikavat jinqasam

ugwalment bejn il-partijiet u t-tieni paragrafu tad-decide tal-ewwel Qorti ghandu jigi riformat b'dan illi flimkien mal-garaxxijiet numru wiehed (1), hamsa (5) u sebgha (7), jizdied ukoll il-garaxx numru sitta (6) fi Blokk 143, Triq is-Sur, Fgura.

32. It-tieni ilment tal-konvenut jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti assenjat lilu wahdu d-djun li hu ghandu mal-Bank HSBC relatati mal-kont kurrent u mal-kont ta' self li t-tnejn huma fuq ismu wahdu, id-dejn li ghandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mad-Dipartiment tal-VAT. Huwa jilmenta mill-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti, li filwaqt li dawk id-djun gew assenjati lilu wahdu, id-dejn ma' Mary Bezzina, omm l-attrici, gie attribwit liz-zewg partijiet flimkien.

33. Fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti abbazi ta' numru ta' konsiderazzjonijiet irriteniet illi d-djun imsemmija ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut wahdu. Il-fatturi li ttiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti huma: il-fatt illi l-kontroll assolut fit-tmexxija tan-negozju kien f'idejn il-konvenut; il-fatt illi kemm ilhom *de facto* separati l-partijiet mit-22 ta' Frar 2004 l-attrici ma bbenefikatx minn ebda introjtu generat mill-istess negozju, kif ukoll il-fatt illi sakemm il-partijiet kienu ghadhom qed jghixu taht l-istess saqaf, in-negozju kien miexi tajjeb hafna bi profitt annwali ta' mhux inqas minn €24,000.

34. Din il-Qorti tibda billi tosserva li fir-rikors tal-appell tieghu il-konvenut ma ta ebda spjegazzjoni dwar l-ilment tieghu ghajr li dawn ghandhom jitqiesu bhala passiv tal-komunjoni tenut kont tal-fatt li meta saru, ghalkemm saru mill-konvenut wahdu, il-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti bejn il-partijiet. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet: [1] illi s-somma ta' €30,000 zbankata mill-konvenut wahdu fil-15 ta' Gunju 2010 minghajr spjegazzjoni dwar ir-raguni ta' dan is-self daqshekk sostanzjali ma tistax titqies bhala passiv tal-komunjoni, kemm ghax ma giex provat li din is-somma intuzat ghal beneficcju tal-komunjoni u l-probabbilita` hija li ma gietx hekk uzata tenut kont li l-izbank sar sitt [6] snin wara s-separazzjoni *de facto* fiz-zmien meta l-konvenut kien gia` ifforma familja ohra ma' mara ohra, kif ukoll ghax self ta' dak l-ammont ma jistqax jitqies bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja imma huwa att ta' amminstrazzjoni straordinarja li biex jorbot lill-konjugi l-iehor jirrikjedi l-kunsens ukoll ta' dak il-konjugi liema prova fl-atti odjerni tirrizulta mankanti; u [2] li mit-22 ta' Frar 2004 meta l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali hija ma hadet ebda introjtu mill-gestjoni tal-hanut li sa dak iz-zmien kien qed jirrendi profitt tajjeb u sehemha minn dak l-introjtu kien qed jinzamm abuzivament mill-konvenut; ghalhekk id-dejn tal-konvenut favur l-attrici rapprezentanti nofs is-sehem taghha ghal nofs l-introjtu tal-hanut mis-sena 2004 'il quddiem ghandu jigi ikkumpensat minnu billi jhallas id-dejn maghmul minnu mad-Dipartiment tat-Taxxi u dak tal-VAT fil-gestjoni tal-

hanut.

35. Rigward il-bilanc tad-dejn li l-partijiet ghandhom favur Mary Bezzina omm l-attrici, l-ewwel Qorti accettat il-verzjoni tal-attrici u ta' ommha li dan id-dejn kien jirrapprezenta bilanc ta' somma akbar ta' €4,239.46 li din kienet selfet lill-partijiet fit-3 ta' Marzu 2000 sabiex dawn jaffettwaw miljoramenti fl-appartament li f'dak iz-zmien kien iservi bhala d-dar matrimonjali tal-konjugi u li wara s-separazzjoni de facto baqa' jghix fiha l-konvenut. Ghalhekk ladarba rrizulta li dan kien dejn li sar ghall-beneficcju tal-komunjoni ghandu jitqies bhala dejn tal-komunjoni u d-dejn bilancjali ta' €1,211.27 ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh limitatament ghal dak li jirrigwarda l-garaxx numru sitta (6) fi Triq is-Sur, il-Fgura kif hawn fuq spjegat u michud ghall-kumplament.

*It-Tielet Aggravju*

37. Dan l-aggravju jirrigwardja l-kura u kustodja tat-tfal komuni tal-partijiet. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

"**Kura u Kustodja.**

"Jirrizulta mill-atti illi l-kura u kustodja kienet giet akkordata *pendente*

> *lite* lill-attrici fis-sena 2006 u dan minhabba l-livell gholi ta' konflitt li kien jezisti bejn il-partijiet li waslu lil din il-Qorti diversament presjeduta tiddeciedi li jkun ahjar li l-kura u kustodja tkun akkordata f'idejn l-attrici. Nonostante li ghadda zmien sew mill-ghoti tal-imsemmi digriet, sfortunament ghall-minuri, il-livell ta' konflitt ta' bejn il-partijiet ghadu gholi. Kura u kustodja kongunta tkun fl-interess tal-minuri jekk iz-zewg genituri jkunu kapaci tal-anqas jikkomunikaw b'mod civili ma' xulxin. Dan mhux possibbli fil-kaz odjern u ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja ghandha tkun affidata f'idejn l-attrici b'access favur il-missier bil-modalita' kif ilu issa jigi ezercitat tul dawn l-ahhar snin."

38. F'dan l-aggravju l-konvenut jikkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li afdat il-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri esklussivament lill-attrici, in kwantu ma gietipprezentata ebda prova da parti tal-attrici li turi li hu ma hux affidabbli bizzejjed jew ma hux idoneju biex ikollu l-kura u kustodja tat-tfal; ghall-kuntrarju, jghid il-konvenut, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra fatti li jirrizultaw mill-provi u li juru l-hazen jew in-nuqqas ta' responsabbilta` tal-attrici lejn uliedha, fosthom l-allegat incident li fih il-minuri raw lill-attrici fis-sodda mal-*boyfriend* taghha waqt li kien ghaddej film pornografiku.

39. Min-naha taghha l-attrici tghid illi jirrizulta manifest li l-mod kif gab ruhu l-konvenut matul il-konvivenza matrimonjali u senjatament l-inklinazzjoni tieghu lejn il-vjolenza meta jkun irrabjat jimmilitaw kontra t-talba tal-konvenut stante li jirrenduh in idoneju li jkollu l-kura tat-tfal. F'dan ir-rigward l-attrici ssemmi b'enfasi l-incidenti meta, bhala kastig, kien isakkar lill-minuri Carl Matthew fid-dlam ghal zmien twil, u meta nizzel is-senter minn postu u qal *"ha nara jekk hux se nuzah illum".*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

40. In tema legali, issir referenza ghal dak riportat fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-kawza numru 277/2012 **A B v. C D**, deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti;

> "In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet *Miriam Cauchi vs Francis Gauci* fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-
>
> > 'Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.'
>
> "Fis-sentenza *Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud* moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.
>
> "Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet *Mario Darmanin vs Annalise Cassar*,
>
> > ' ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma

> ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla).
>
> 'Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (Miriam Cauchi v. Francis Cauchi – Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.'

41. Applikati dawn il-principji legali ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jezistux ragunijiet sufficjenti sabiex tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward. Kif fuq spjegat, id-decizjoni tal-Qorti f'din il-materja tmur lil hinn minn jekk parti hijiex kapaci jew affidabbli. Il-Qorti trid tiehu kont ta' x'inhu fl-interess suprem tal-minuri mil-lat l-aktar ampju tieghu, inkluz is-sahha fizika u psikologika taghhom, kif ukoll il-mod kif ukoll l-animu li jaraw li l-genituri ghandhom fil-konfront ta' xulxin. Zieda fil-konflitti bejn il-genituri minhabba it-tfal zgur illi ma hux ser jghin lil dawn iz-zewg minuri jghixu ahjar f'din is-sitwazzjoni familjari li diga` ma hi xejn felici ghalihom. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern ikun fl-interess suprem tal-istess minuri illi l-kura u l-kustodja taghhom tibqa' f'idejn l-omm bl-access kif stabbilit favur il-missier.

42. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

*Ir-Raba' Aggravju*

43. Dan jirrigwardja l-manteniment li l-ewwel Qorti akkordat lill-attrici ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "**Manteniment.**
>
> "Dwar il-manteniment, it-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha qed tigi michuda in kwantu hija hatja ta' adulterju.
>
> "Fir-rigward tal-manteniment tat-tfal, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz il-kapacita' lavorativa tal-attrici kif ukoll dik tal-konvenut.
>
> "In-negozju li huwa gestit mill-konvenut fil-hanut tal-Fgura kien inbeda f'dan il-hanut matul iz-zwieg. Ma tresqux provi dwar il-valur tan-negozju ghalkemm gew ezebiti mill-konvenut il-'profit and loss accounts'[16] ippreparti minn certu Paul Bugeja li xehed, u ghamel emfasi, li hu kien ipprepara dawn l-accounts esklussivament fuq l-informazzjoni li ghaddielu l-konvenut u li ma kien ghamel l-ebda ezercizzju ta' 'auditing' (ara xhieda ta' Paul Bugeja a fol. 294). Skond dawn l-accounts, fis-sena 2005 il-konvenut kien ghamel profitt net ta' erba' u ghoxrien elf, mitejn u tlieta u ghoxrien ewro (€24,223). Ghalkemm il-konvenut fix-xhieda tieghu jallega li llum dan huwa negozju fallut, ma pprezenta l-ebda prova li negozju, li fis-sena 2005 kien qed ihalli profitt net ta' mhux anqas minn €24,223, illum mhux jaghmel profitt. Fl-affidavit tieghu ipprezentat fl-1 ta' Ottubru 2013 naqas milli jipprezenta accounts recenti u jaghmel biss allegazzjonijiet li ma huma sostnuti minn ebda prova dokumentarja.
>
> "Wara li qieset dan kollu kif ukoll il-htigijiet tal-minuri il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Carl Matthew u Luke Nikolaw is-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-kull wild, b'dan illi l-manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja."

44. F'dan l-aggravju l-konvenut jissottometti illi l-ewwel Qorti naqset

[16] Fol. 275 et seq.

milli tapprezza li l-qaghda finanzjarja tieghu tbiddlet radikalment u li m'ghadx ghandu introjtu fiss u tajjeb, b'mod partikolari f'materja ta' hlas ta' manteniment fejn in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghal sanzjonijiet kriminali bil-possibilita` li tigi imposta fuqha piena karcerarja. Jghid ghalhekk illi s-somma ta' €250 fix-xahar ghal kull wild hija eccessiva.

45. L-attrici tissottometti illi s-somma fissata mill-ewwel Qorti hija gusta, b'mod partikolari in vista tal-fatt li l-manteniment iffissat mill-Qorti fis-sena 2003 qatt ma kien inbidel minkejja li l-ispejjez tal-hajja zdiedu ferm. Inoltre l-allegazzjoni tal-konvenut dwar bdil fl-introjtu tieghu ma hijiex sostnuta u ghalhekk it-talba tieghu ghandha tigi skartata.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

46. Jigi ribadit illi din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi u tal-fatti tal-kaz maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghax ikun hemm ragunijiet serji li abbazi taghhom, jekk din il-Qorti ma tiehux azzjoni, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta.

47. L-ewwel Qorti abbazi tal-provi kollha prodotti quddiemha, waslet ghall-konkluzjoni li tikkonsidra bhala gusta c-cifra ta' €250 fix-xahar ghal kull wild u dan, wara li qieset, inter alia, il-provi tal-konvenut dwar l-

introjtu tieghu, li jikkonsistu fi *profit and loss accounts*[17] imhejjija minn Paul Bugeja li xehed li dawn gew imhejjija minnu abbazi tal-informazzjoni mghoddija lilu mill-istess konvenut.[18] L-ewwel Qorti qieset ukoll il-bzonnijiet tal-ulied, li dwarhom l-attrici ipprezentat diversi provi dokumentali, fosthom rendikonti, listi ta' spejjez u kopji ta' ricevuti.[19]

48. Jinghad fil-gurisprudenza illi *"...ma hemm l-ebda fatt li gie sottomess lil din il-Qorti li seta' jew kellu jikkonvinciha biex jiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migbura. … ...hu car illi hemm elementi importanti in materja ta' manteniment bhala ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li kellhom jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun x'ikun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibbiltajiet tieghu".* [Appell Superjuri **Zahra Saviour v. Zahra Maria Antionette Pro Et Noe** 13/07/2001].

49. Fil-kaz odjern, filwaqt illi huwa minnu illi fl-affidavit tieghu, il-konvenut jilmenta minn sitwazzjoni finanzjarja imweghra[20], izda fl-istess waqt jonqos milli jressaq provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni jew tal-fatt li din ir-rata ta' manteniment m'ghadhiex fil-possibilitajiet finanzjarji tieghu; *multo magis* fid-dawl tal-konsiderazzjoni li sas-separazzjoni *de facto* in-negozju kien sejjer tajjeb u kien jirrendi qligh tajjeb u, la ma giex

[17] Fol. 275 et seq.
[18] Fol. 294.
[19] Fol. 114, Fol. 232 et seq u Fol. 329 et seq.
[20] Fol. 1060.

pruvat il-kuntrarju, ghandu jigi prezunt li l-qligh jew baqa' l-istess jew tjieb.

50. Barra minn hekk il-konvenut ma gabx provi sodisfacenti illi juru li l-ammont ta' €250 fix-xahar ghal kull wild huwa esagerat jew li jeccedi l-bzonnijiet tal-istess ulied minuri.

51. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward, u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

*Il-Hames Aggravju*

52. Il-konvenut jissottometti illi in kwantu huwa ma ghandux jinstab responsabbli jew unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet, allura lanqas ma ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-ispejjez kollha tal-kawza.

53. L-attrici tghid li in vista tas-sottomissjonijiet migjuba fir-risposta taghha, dan l-aggravju huwa ghal kollox immeritat.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

54. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti taht il-kappa tal-ewwel aggravju, u in kwantu l-htija ghat-tkissir taz-zwieg ta'

bejn il-partijiet hija unikament tal-konvenut fl-isfond tal-agir vjolenti tieghu, mhux il-kaz li din il-Qorti tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjez.

55. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qeghdha tilqa' dan l-appell limitatament kif hawn fuq spjegat u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: tirriforma d-decizjoni dwar it-tieni talba limitatament billi tordna li, mal-garaxxijiet numru wiehed (1), hamsa (5) u sebgha (7) fi Blokk 143, Triq is-Sur, Fgura, jizdied il-garaxx numru sitta (6) fl-istess blokk u tikkonferma d-decizjoni fir-rigward ta' din it-talba ghal bqija.

Tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df